

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, sa fejn ir-rikorrenti ma jirċivux l-allowance b'rata fissa, għall-kuntrarju tal-kollegi tagħhom li l-post tax-xogħol tagħhom huwa r-rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Pariġi, filwaqt li huma jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom fl-istess kundizzjonijiet b'halhom.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura li jimponi fuq l-awtorità kompetenti li tindika, fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, ir-raġunijiet li li wassluha sabiex tagħti prijorità lill-interess tas-servizz.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2019 — DE vs Il-Parlament

(Kawża T-505/19)

(2019/C 305/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: DE (rappreżentant: T. Oeyen, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Ottubru 2018 li tirrifjuta li tagħti leave speċjali adegwat lir-rikorrent sabiex jieħu ħsieb l-ulied tewmin tiegħu li kienu għadhom kif twieldu permezz ta' maternità surrogata.
- tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet għal ugwaljanza fit-trattament u għal nondiskriminazzjoni.
 - Billi rrifjutat li tagħti lir-rikorrent drittijiet għal leave tat-twelid li huma ekwivalenti għal leave tal-maternità u/jew għal leave tal-adozzjoni, id-deċiżjoni kkontestata tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal ugwaljanza fit-trattament u għal nondiskriminazzjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u fl-Artikolu 1(d) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE. Peress li l-persuni omosesswali huma l-grupp predominanti ta' ġenituri li jagħmlu użu mill-maternità surrogata, dawn huma affettwati negattivament b'mod sproporzjonat mill-interpretazzjoni li l-Parlament jagħmel tad-dispożizzjonijiet dwar il-leave tat-twelid tar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE kif riflessa fid-deċiżjoni kkontestata.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata tar-rikorrent.
 - Billi rrifjutat li tagħti lir-rikorrent leave speċjali adegwat sabiex jieħu ħsieb l-ulied tiegħu li kienu għadhom kif twieldu, ewkwivalenti għal leave tal-maternità u/jew għal leave tal-adozzjoni, id-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 8 KEDB, li jipproteġi d-dritt tar-rikorrent għal ħajja privata, moqri flimkien mal-Artikolu 14 KEDB.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet bi ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
 - B'mod partikolari, huwa jallega li l-konvenut (i) naqas milli jagħti lir-rikorrent id-dritt għal smigħ; u (ii) naqas milli jagħti raġunijiet adegwati għad-deċiżjoni tiegħu.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar leave speċjali fir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE kif interpretati mill-konvenut fid-deċiżjoni kkontestata.
 - Għall-istess raġunijiet stipulati fl-ewwel sat-tielet motiv hawn fuq, huwa jallega li l-interpretazzjoni tal-konvenut tal-Artikolu 57 tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri flimkien mal-Artikolu 6 tal-Anness V ta' dawn ir-regolamenti, kif riflessa fid-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri li uffiċjali jew impjegati oħra tal-Parlament Ewropew li jsiru ġenituri ta' wild permezz ta' maternità surrogata ma għandhomx dritt għal leave speċjali ekwivalenti għal leave tal-maternità u/jew għal leave tal-adozzjoni, hija illegali.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq żball ta' liġi u l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 6 tal-Anness 2 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE u tar-Regoli Interni tal-Parlament Ewropew li jirregolaw il-leave.
 - F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li r-rikorrent ma għandux dritt għal leave tat-twelid ekwivalenti għal dak mogħti bħala leave tal-maternità jew leave tal-adozzjoni, ir-rikorrent isostni li, bħala missier ta' tewmin, huwa għandu dritt għal 20 jum ta' leave. Dan id-dritt japplika irrispettivament mill-mekkaniżmu legali li bih ir-rikorrent kiseb ir-responsabbiltà tal-ġenituri.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2019 — Lego vs EUIPO — Delta Sport Handelskontor (Blokki tal-bini minn sett ta' bini tal-ġugarelli)

(Kawża T-515/19)

(2019/C 305/74)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lego A/S (Billund, id-Danimarka) (rappreżentanti: V. von Bomhard u J. Fuhrmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjeta Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Delta Sport Handelskontor GmbH (Hamburg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: id-disinn tal-Komunità rreġistrata Nru 1 664 368-0006

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' April 2019 fil-Każ R 31/2018-3